



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Marzu 2022
(OR. en)

6872/22
PV CONS 12
JAI 288
COMIX 115

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Ġustizzja u Affarijiet Interni)
3 u 4 ta' Marzu 2022

WERREJ

Pàġna

AFFARIJET INTERNI

1. Adozzjoni tal-aġenda 4
2. Approvazzjoni tal-punti "A"
 - a) Lista ta' attivitajiet mhux leġislattivi 4
 - b) Lista leġislattiva 5

Attivitajiet mhux leġislattivi

3. Rispons Ewropew għas-sitwazzjoni fl-Ukrajna 5
 - a) Deċiżjoni li timplimenta l-protezzjoni temporanja prevista fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001
 - b) Kwistjonijiet oħra relatati mas-sitwazzjoni fl-Ukrajna
4. Ażil-Migrazzjoni: evalwazzjoni tal-progress li sar 5

Deliberazzjonijiet leġislattivi

5. Affarijiet oħra 5
Proposti leġislattivi attwali

Attivitajiet mhux leġislattivi

GOVERNANZA POLITIKA TAŻ-ŻONA SCHENGEN ("KUNSILL SCHENGEN")

6. Is-sitwazzjoni ġenerali taż-żona Schengen 6
 - a) Il-governanza politika ta' Schengen
 - b) Rapport dwar is-sitwazzjoni
7. Regolament tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen 6

KWISTJONIJIET OĦRA MARBUTA MAL-AFFARIJET INTERNI

8. Konklużjonijiet dwar il-ħidma tal-protezzjoni ċivili fid-dawl tat-tibdil fil-klima 6
9. Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-avviżi ħomor tal-Interpol 6
10. Affarijiet oħra 6

Deliberazzjonijiet leġislattivi

11. Evidenza elettronika 7
- a) Regolament dwar l-Ordni ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika
 - b) Direttiva dwar ir-rappreżentanti legali għall-ġbir ta' evidenza
12. Affarijiet oħra 7
- a) Proposti leġislattivi attwali
 - b) Direttiva dwar id-diliġenza dovuta korporattiva ("governanza korporattiva sostenibbli")
 - c) Regolament dwar id-Data

Attivitajiet mhux leġislattivi

13. Deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda 7
14. Drittijiet fundamentali 7
- a) Skambju ta' fehmiet mad-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)
 - b) Konklużjonijiet dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-anti-Semitiżmu
15. Kwistjonijiet relatati mal-aċċess għal avukat 7
16. Affarijiet oħra 7
- a) Allegazzjonijiet ta' traffiku ta' influwenza
 - b) Allegazzjonijiet ta' vjolenza kontra d-dimostranti waqt protesti kontra r-restrizzjonijiet tal-COVID-19
 - c) Prosekuzzjoni ta' mħallef Pollakk fil-Belarusija

- ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill 8

AFFARIJIET INTERNI

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda li tinsab fid-dokument 6543/22.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

(a) Lista ta' attivitajiet mhux leġislattivi

6544/22

Il-Kunsill adotta l-punti "A" elenkati fid-dokument 6544/22 inkluż id-dokumenti COR u REV ippreżentati għall-adozzjoni. Id-dikjarazzjonijiet għal dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

Għall-punti li ġejjin id-dokumenti għandhom jaqraw kif ġej:

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

8. Trasferiment Nru DEC 05/2022 (Taqsimi III – Kummissjoni)
Approvazzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-23.02.2022

C 6210/22
6061/22 + **COR 1 (es)**
FIN

Pożizzjonijiet tal-UE għal negozjati internazzjonali

17. Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed
fisem l-UE fil-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana
Adozzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-02.03.2022

C 6414/22 + ADD 1
5663/22 + **COR 1 (mt)**
PECHE

Saħħa

20. Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati fisem l-Unjoni għal ftehim internazzjonali dwar il-prevenzjoni, it-tnejjija u r-rispons għal pandemiji u emendi supplimentari għar-Regolamenti Internazzjonali dwar is-Saħħa (2005)
Adozzjoni
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-23.02.2022

6335/22 + **COR 1 (es)**
+ ADD 1
+ ADD 1 REV 1 (et)
+ ADD 1 REV 2 (lv)
6133/22 + ADD 1
SAN

- (b) **Lista leġiżlattiva** (deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

6545/22

Impjiegi u Politika Soċjali

Reviżjoni tad-Direttiva dwar karċinoġeni u mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (ir-raba' sett)

Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-02.03.2022



6445/22 + ADD 1
+ ADD 2 REV 2
PE-CONS 89/21
SOC

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. (Bażi legali: l-Artikolu 153 TFUE)

Id-dikjarazzjonijiet għal dan il-punt jinsabu fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

3. Rispons Ewropew għas-sitwazzjoni fl-Ukrajna 6719/22
- a) Deċiżjoni li timplimenta l-protezzjoni temporanja prevista fid-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 *Ftehim fil-prinċipju dwar l-attivazzjoni*
- b) Kwistjonijiet oħra relatati mas-sitwazzjoni fl-Ukrajna

KWISTJONIJIET OĦRA MARBUTA MAL-AFFARIJIET INTERNI

4. Ażil-Migrazzjoni: evalwazzjoni tal-progress li sar¹ 6264/22
- Rapport ta' progress*

Deliberazzjonijiet leġiżlattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

5. **Affarijiet oħra** 6308/22
- Proposti leġiżlattivi attwali**
- Informazzjoni mill-Presidenza*

Il-ministri ħadu nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward ta' fajls leġiżlattivi differenti.

¹ B'mod eċċezzjonali, fil-preżenza tal-Istati Assoċjati ma' Schengen. L-aġenziji Ewropej EUAA u Frontex huma mistiedna għal dan il-punt.

Attivitajiet mhux leġislattivi

GOVERNANZA POLITIKA TAŻ-ŻONA SCHENGEN ("KUNSILL SCHENGEN")

6. Is-sitwazzjoni ġenerali taż-żona Schengen²
(a) Il-governanza politika ta' Schengen
(b) Rapport dwar is-sitwazzjoni 6234/22 + COR 1
Skambju ta' fehmiet 6408/22
7. Regolament tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u ☒ 6685/22
Monitoraġġ ta' Schengen
Approċċ ġenerali

KWISTJONIJIET OĦRA MARBUTA MAL-AFFARIJIET INTERNI

8. Konklużjonijiet dwar il-ħidma tal-protezzjoni ċivili fid-dawl tat- 6528/22
tibdil fil-klima
Approvazzjoni
9. Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar l-avviżi ħomor tal-Interpol 6217/22
Approvazzjoni
10. Affarijiet oħra

IL-ĠIMGĦA 4 TA' MARZU 2022 (10:15)

ĠUSTIZZJA

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

11. Evidenza elettronika
(a) Regolament dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' ☒ ☒ 6322/22 + COR 1
Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika
(b) Direttiva dwar ir-rappreżentanti legali għall-ġbir ta' ☒ ☒
evidenza
Rapport ta' progress

Il-Presidenza pprovdiet rapport ta' progress fin-negozjati li għaddejjin mal-Parlament

Ewropew dwar dawn iż-żewġ proposti leġislattivi, inkluż informazzjoni dwar l-aħħar trilogu li sar fl-1 ta' Marzu 2022.

² L-aġenziji Ewropej Frontex, Europol u eu-LISA huma mistiedna għal dan il-punt.

12. Affarijiet oħra

a) Proposti leġislattivi attwali
Informazzjoni mill-Presidenza

6308/22

b) Direttiva dwar id-diliġenza dovuta korporattiva
("governanza korporattiva sostenibbli")

c) Regolament dwar id-Data
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Presidenza infurmat lill-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tal-proposti leġislattivi attwali fil-qasam tal-ġustizzja.

Il-Kummissjoni pprovdiet informazzjoni lill-Kunsill dwar żewġ proposti leġislattivi reċenti: il-proposti għal Direttiva dwar id-diliġenza dovuta korporattiva u għal Att dwar id-Data.

Attivitajiet mhux leġislattivi

13. Deċiżjoni tal-Kunsill dwar id-diskors ta' mibegħda u r-reati ta' mibegħda
Dibattitu ta' orjentazzjoni

☒ 6523/22

14. Drittijiet fundamentali

(a) Skambju ta' fehmiet mad-Direttur tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA)

(b) Konklużjonijiet dwar il-ġlieda kontra r-razziżmu u l-anti-Semitiżmu
Approvazzjoni

6406/22

15. Kwistjonijiet relatati mal-aċċess għal avukat
Skambju ta' fehmiet

6319/22

16. Affarijiet oħra

(a) Allegazzjonijiet ta' traffiku ta' influwenza

(b) Allegazzjonijiet ta' vjolenza kontra d-dimostranti waqt protesti kontra r-restrizzjonijiet tal-COVID-19

(c) Prosekuzzjoni ta' mħallef Pollakk fil-Belarużsja
Informazzjoni mid-delegazzjoni Pollakka

☒ L-ewwel qari

☒ Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġislattivi li jinsabu fid-dokument 6545/22

Dwar il-punt "A" **Reviżjoni tad-Direttiva dwar karċinoġeni u mutaġeni fuq il-post tax-**
nru 1: **xogħol (ir-raba' sett)**
 Adozzjoni tal-att leġislattiv

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE

"Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jaqblu li l-prodotti mediċinali perikolużi li fihom sustanza waħda jew aktar li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniċi (kategorija 1A jew 1B), mutaġeniċi (kategorija 1A jew 1B) jew tossiċi għar-riproduzzjoni (kategorija 1A jew 1B) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE. Ir-rekwiżiti kollha tad-Direttiva 2004/37/KE japplikaw skont dan għal prodotti mediċinali perikolużi."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
dwar prodotti mediċinali perikolużi

"Il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza li l-ħaddiema jiġu protetti mill-effetti negattivi fuq is-saħħa li jista' jkollha l-espożizzjoni okkupazzjonali għal ċerti prodotti mediċinali perikolużi.

F'dan ir-rigward, huwa rikonoxxut li ċerti prodotti mediċinali perikolużi li fihom sustanza waħda jew aktar li jissodisfaw il-kriterji għall-klassifikazzjoni bħala karċinoġeniċi (kategoriji 1A jew 1B), mutaġeniċi (kategoriji 1A jew 1B) jew reprotossiċi (kategoriji 1A jew 1B) skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/37/KE."

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI
dwar il-pjan ta' azzjoni u l-proposti leġislattivi

"L-obbligi imposti fuq il-Kummissjoni fl-Artikolu 18a, it-tielet paragrafu, rigward il-preżentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni u l-preżentazzjoni ta' proposta leġislattiva ma jistgħux imorru kontra l-prerogattivi istituzzjonali tal-Kummissjoni u d-dritt ta' inizzjattiva tagħha li jirriżulta direttament mit-Trattati.

L-Artikolu 18a, it-tielet paragrafu, jirreferi għall-Artikolu 16 tad-Direttiva 2004/37/KE, li jistabbilixxi obbligu li jiġu stabbiliti valuri ta' limitu abbażi tal-informazzjoni disponibbli, inkluża data xjentifika u teknika, fir-rigward ta' dawk is-sustanzi kollha li għalihom dan huwa possibbli. Fl-implimentazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni hija mistiedna wkoll tippreżenta l-pjan ta' azzjoni msemmi fl-Artikolu 18a, it-tielet paragrafu. Għal raġunijiet ta' trasparenza, dan il-pjan ta' azzjoni ser jikkonsisti f'elenkar tal-25 sustanza ġdida jew riveduta li jmiss li għandhom jiġu evalwati xjentifikament. L-evalwazzjonijiet tas-sustanzi elenkati ser jiffurmaw parti mill-proċedura stabbilita inkluża l-konsultazzjoni tas-sħab soċjali, l-opinjoni tal-ACSH u l-valutazzjoni tal-impatt li tħejji kwalunkwe proposta leġislattiva meħtieġa fi żmien dovut."

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA, IL-BULGARIJA, ĊIPRU, ID-DANIMARKA, L-ESTONJA, IL-ĠERMANJA, L-IRLANDA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA, IL-LUSSEMBURGU, IL-PORTUGALL, IR-RUMANIJA, IS-SLOVAKKJA U L-UNGERIJA

"L-Awstrija, il-Bulgarija, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja u l-Ungerija jappoġġaw kwalunkwe miżura biex tiżdied is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema. F'dan il-kuntest, jintlaqa' l-progress li sar mhux biss fl-istabbiliment ta' valuri limitu ġodda u aktar stretti għall-karċinoġeni iżda wkoll fl-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għas-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni.

Madankollu, huwa ta' dispijaċir li tali bidliet sostanzjali saru mingħajr l-involviment tal-Kumitat Konsultattiv għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol. Kienet tkun ħaġa tajba li jiġi analizzat fid-dettall liema artikoli jew dispożizzjonijiet għandhom japplikaw jew le għas-sustanzi tossiċi għar-riproduzzjoni. Dan jikkonċerna b'mod partikolari r-rekwiżiti minimi fir-rigward tas-sorveljanza tas-saħħa."
